DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1001

tal-21 ta' Ġunju 2021

li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK ([1]) dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarussja.

(2) Fl-24 u l-25 ta' Mejju 2021, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet li fihom ikkundanna bil-qawwa l-inżul furzat ta' titjira tar-Ryanair f'Minsk, il-Belarussja, fit-23 ta' Mejju 2021 fejn ġiet ipperikolata s-sikurezza tal-avjazzjoni, u d-detenzjoni mill-awtoritajiet Belarussi tal-ġurnalist Raman Pratasevich u ta' Sofia Sapega. Huwa appella lill-Kunsill biex jadotta elenkar addizzjonali ta' persuni u entitajiet mill-aktar fis possibbli abbażi tal-qafas ta' sanzjonijiet rilevanti.

(3) Fid-dawl tal-gravità ta' dak l-inċident, jenħtieġ li entità oħra tiġi inkluża fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK. Sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux mixtieqa ta' dan l-elenkar, huwa meħtieġ li tiġi emendata l-lista ta' każijiet fejn l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza derogi għall-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu disponibbli għal persuni jew entitajiet elenkati.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2012/642/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2012/642/PESK hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 5(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi konċernati huma:

(a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi ta' kwalunkwe persuna elenkata fl-Anness u l-membri tal-familja dipendenti minnha, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura medika, taxxi, premiums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li jsiru li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi jew imposti għal servizzi ta' kustodja jew ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat ir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra u lill-Kummissjoni tal-anqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni;

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).

(e) biex jitħallsu fi jew jinħargu minn, kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsubin biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew tal-organizzazzjoni internazzjonali;

(f) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' imposta meħtieġa għal:

(i) l-operat ta' titjiriet għal skopijiet umanitarji, għall-evakwazzjoni jew ir-ripatrijazzjoni ta' persuni, jew għal inizjattivi li jipprovdu appoġġ lill-vittmi ta' diżastri naturali, nukleari jew kimiċi;

(ii) l-operat ta' titjiriet fil-qafas ta' proċeduri ta' adozzjoni injternazzjonali;

(iii) l-operat ta' titjiriet meħtieġa għall-attendenza f'laqgħat bl-objettiv li tinstab soluzzjoni għall-kriżi fil-Belarussja jew li jiġu promossi l-objettivi ta' politika tal-miżuri restrittivi; jew

(iv) inżul, tlugħ jew titjir li jgħaddi minn fuq it-territorju minn trasportatur tal-ajru tal-UE, f'każ ta' emerġenza; jew

(g) meħtieġa biex jiġu indirizzati kwistjonijiet urġenti u identifikati b'mod ċar dwar is-sikurezza tal-ajru u wara konsultazzjoni minn qabel tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu."

(2) L-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

ANNESS

L-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) il-persuna ġuridika li ġejja tiżdied mat-tabella "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 4(1)"

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	**Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)**	**Informazzjoni ta' identifikazzjoni**	**Raġunijiet għall-elenkar**	**Data tal-elenkar**
"15.	Belaeronavigatsia Intrapriża tal-istat	Belarussu: Белаэронавігация Дзяржаўнае прадпрыемства Russu: Белаэронавигация Государственное предприятие	Indirizz: 19 Korotkevich Str., Minsk, 220039, Repubblika tal-Belarussja Tel.: +375 (17) 215-40-51 Faks: +375 (17) 213-41-63 Sit web: http://www.ban.by/ Email: office@ban.by Data ta' reġistrazzjoni: 1996	L-intrapriża tal-Istat BELAERONAVIGATSIA hija responsabbli għall-kontroll tat-traffiku tal-ajru tal-Belarussja. Għalhekk hija responsabbli għad-devjazzjoni tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 lejn l-ajruport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata kellha l-għan tal-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. L-intrapriża tal-Istat BELAERONAVIGATSIA hija għalhekk responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021"